VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49

IT-Tlieta 21 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Ufficcini tal-Kunsill Lokali fil-15.00hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Jurgen Briffa – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
Nil

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv
Christabel Busuttil – Office Assistant

## Minuti

Is-Sindku ippreseda din il-laqgha.  Il-Kunsill qal it-talba.

## 49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

49.1.1 Nil

## 49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

49.2.1 Il-minuti gew approvati.

## 49.3 Komunikazzjoni mis-sindku

49.3.1 Is-sindku fakkar fil-Membership tal-EuroCities. Il-Kunsill ser jistaqsi ghall-iktar informazzjoni, kif ukoll ser niktbu lil Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin u lil Ministeru tat-Turizmu ghax jista ikun hemm xi fund tal-Konferenzi. Il-Kunsill ser jikkomunika ukoll mas-Sur Dario Nardella li jigi is-sindku ta' Firenze. Dan ser isir wara il-Festeggamenti ta' Jum il-Belt.

49.3.2 Il-magna tal-BCRS ser tibda tahdem hmistax ohra. Din ser tigi impoggija fen kien il-War Museum (hdejn St.Elmo) minflok fejn Peacock Gardens. Dan ghaliex wara li is-sindku kellu laqgha mas-Superintendence for Heritage, dan kien l-uniku post li qablu fuqu. Is-sindku talabhom ghal-permess biex issir ohra, u din ghandha issir fil-Pitch tal-Bocci qisha mohbija. RA issugerixxa li naghmluha hemm mill-ewwel, pero GA fakkret li il-Qampiena ha tinghalaq minhabba xogholijiet tal-maintenance.  Is-sindku qal li hu informat lis-Superintendence li ser isir playing field fejn kien hemm Il-Muzew tal-Gwerra u dawn talbuhom biex il-magna issir parti mill-playing field.

49.3.3 Is-sindku informa lil Kunsill li il-Gvern hareg sejha biex ghal progetti fil-Pixkerija. Jidher li din l-area tal-Belt ser tigi rigenerata. Hemm cans kbir li din issir hotel ukoll, li hija haga tajba ghax dawn joholqu iktar jobs ghan-nies tal-madwar. Il-Gvern qed jghid lil kuntratturi biex javvicinaw lil kunsill ghal suggerimenti biex isiru progetti CSR.

Is-sindku saqsa lil kunsilliera biex jaghtuh xi suggerimenti dwar x'jista isir dwar il-parking ta' l-Evans Buliding.

Issemmew il-bjut tal-Camarata li qedghin fi stat perikoluz pero dawn jaqghu taht il-Housing Authority.

MSL semma id-dar ta' l-anzjani. VF qabel mieghu fuq din. RA qal li dan progett ta' madwar 18-il miljul euro u hadd mhu ha jinvesti dawk il-flus f'dar ta' l-anzjani. VF qal li biex il-hotels u hostels kollha ikunu mimlijin 80% iridu jigu madwar 5 miljun turist fis-sena. Staqsa x'inhi il-priorita tal-pajjiz u qal li huwa ta' l-opinjoni li m'hemmx bzonn iktar hotels.

Is-sindku qal li il-Belt l-unika zewg postijiet li jistghu jithaffru huma Hastings u taht l-iskola primarja. Dan xi darba kien Kunvent ta' Santa Katerina.  Is-sindku issugerixxa li l-ahjar taht l-iskola jithaffer biex isir parkegg, u fejn hemm l-iskola issir dar ta' l-anzjani u il-Gvern jiehu l-iskola ta' St.Albert u din issir l-iskola primarja tal-Gvern.

Is-sindku qal lil kunsilliera biex kull min ghandu suggerimenti jghaddiha lilu biex meta ikellmuhom kuntratturi kulhadd ikun jista jaghti l-istess suggerimenti.

49.3.4 AZ qal li kellu xi tgergir fuq il-gbir ta' l-iskart u li jixtieq li dan jibda isir fid-9am. GA infurmat li tirid issir ittra lir-regjun biex issir din il-bidla, RA ma qabilx ghax in-nies issa draw il-hin. VF qal li min jahdem qed ikollu johrog l-iskart kmieni u dan jaghmel ikrah. RA qal li il-problema mhumiex in-nies izda l-

istabbilimenti li hafna minnhom na ghandhomx kuntratt etc. Din id-diskussjoni ser titkompla fil-laqgha li imiss biex tinstab soluzzjoni.
MSL staqsa kif il-gbir fil-belt isir fis-2pm u mhux fil-ghodu. AZ qallu li kien hemm raguni ghaliex imma nesa x'kienet.

## 49.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Ezejuttiv

49.4.1 GA infurmat lil kunsill li saret press conference fil-kunsill tal-Belt mas-sindki kollha ta' Malta. Infurmathom li l-iskemi mhux ser jibqghu jahdmu kif kienu imma ser jintbaghtu kollha f'salt. Qaltilhom biex min ghandu xi ideat ikellem lilha. AZ issugerixxa li fl-iskema tas-sigurta indahhlu il-progett tad-dawl. Il-kunsill ser japplika ghal progett tal-Cleanup. Il-Public Library li hemm fl-iskola primarja ghandha titla fil-bibjoteka. Il-kunsill ser japplika ukoll ghall-iskema ta' attivitajiet kulturali. MSL saqsa jekk hemmx xi haga fuq education u GA qaltu li hemm tal-libraries u li il-Librar qedghin inhallsuh ahna u forsi xi attivitajiet kulturali.

49.4.2 GA infurmat lil kunsill li irciviet ittra anonima indirizzata lis-sindku dwar ir-restawr tal-Faccata ta' San Pawl. GA infurmat lil kunsill li il-faccata hija Graded building u il-legal notice tal-PA ma taghtix biex tirranga bini tal-knisja u ghalhekk ghadu ma giex iffirmat il-kuntratt. AZ informa li din issa marret ghand l-Arcipriet ta' San Pawl u ma ghadhiex f'idejn il-kunsill.

49,4,3 GA infurmat li Mss Victoria ta' l-iskola primarja talbet lil kunsill ghal ghajnuna biex issir figolli making activity. Dawn talbu ghal 5 euros ghal kull student. GA ser ticcekkja meta ser issir din. Il-kunsill qabel li jghin.

49.4.4 GA irciviet proposta minn TCTC biex isiru xi progetti innovattivi u edukattivi wara il-pandemija, foshom fuq AI u Robotics, u ghajnuna lit-tfal. GA ha taghmel laqgha ma TCTC biex tara xinhuma ir-requirements. Din ser tinvolvi spiza ta' madwar 1500€.

49.4.5 GA infurmat lil kunsill dwar proposta li kien ircieva il-kunsill fi zmien sindki Chris jew Alexei minghand The Notebook centre ghal familji fil-Belt biex isir formatting, cleanup etc fil-computers / laptops taghhom. GA ser ticcekkja ma The Notebook centre x'jinvolvi ezatt dan is-servizz. Dan is-servizz jiswa €5000 fis-sena u jista jithallas in installments. RA qal li irridu noqghodu attenti hhax jista ikun li dan ifotti ghax jghid li marru 100 persuna mentri fil-verita ikunu marru 2 biss. Il-kunsil qabel li nippruvaw dan is-servizz ghal sena imma fl-ahhar tas-sena dan itina rendikont ta' min uza is-servizz biex naraw hux worth it.

## 49.5 Mistoqsijiet u kummenti tal-Kunsillieri

49.5.1 RA jixtieq li tittiehed azzjoni fuq certu kuntrattur ta' l-iskart li qieghed jidhol fil-Belt Valletta x'hin jiftillu u ihammeg u hekk. AZ saqsa jekk nistghux inkellmuh bhala kunsill pero GA qaltlu li le.

RA qal li il-kuntrattur tar-regjun ma jistax jigbor l-iskart tal-Ministeri.

49.5.2 RA staqsa jekk hemmx xi updates fuq i-transport tat-tfal. GA infurmat li tkellmet mal-Perm Sec permezz ta' LP. LP informa lil kunsill li hu kellem lid-direttur u dan qallu li jekk iwassal lil dawn il-Furjana jibdew jinqalghu nies minn postijiet ohra biex iwassluhom ukoll. Id-direttur qal li jekk hemm mill-inqas kilometru bejn South Street u l-iskola tal-Belt dan johloq van. AZ qal li is-soluzzjoni hija li it-tfal tal-Belt imorru l-iskola tal-Belt.
LP qal li irridu niccekkjaw jekk l-iskola tal-belt hix accessibli ghal tfal b'dizabilita. Wara li ikkonfirmat, GA infurmat li dan huwa il-kaz.
GA infurmat li hemm xi hadd lest li jaqleb it-tfal tieghu fil-Belt.
RA saqsa jekk nistghux xorta nghinu lil dawk li jibqgu imorru l-iskola tal-Furjana. Saqsa ukoll x'ikunu ir-risponsabbiltajiet tal-kunsill. LP spjaga li il-kunsill ikun risponsabbli ta' dawn it-tfal etc.
AZ fakkar li jekk dawn jigu il-Belt, il-ministeru lest li jaghtihom van u jithallas mil-ministeru.
Ra saqsa x'inhuma il-kriterji biex naghmlu dan il-van.

49.5.3 RA qal li ircieva proposta mill-Kunvent ta' Giezu. Qal il waqfu il-Pirjol / Gwardjan u talbu l-ghajnuna finanzjarja tal-kunsill. Dan ghandu xi 10 linef li iridu xi rewiring u bozooz godda u xtaq xi ghajnuna jew sponsorship mill-kunsill. L-ispiza hija ta' madwar €20,000.
AZ issugerixxa li din issir bhala CSR (Corporate Social Responsibilty).]

## 49.6 Jum il-Belt

49.6.1 JB tkellem fuq Jum il-Belt. Informa lil kunsill li saret laqgha online bejnu, GA, VF u MSL biex jinholoq programm ta' Jum il-Belt. Ser issir ceremonja quddiem il-Knisja tal-Vitorja fil-5:30 u wara din issir quddiesa. L-ghoti ta' Gieh il-Belt ser isiru bil-qedgha biex tkun iktar pulita u organizzata u pulita. Il-catering ser ikun ta' Clyde flimkien ma soft drinks, imbid, aperol u selzzjoni ta' 2 whiskeys. GA ser tkun il-prezentatur ta' din is-serata.

Gieh il-Belt ser jinghata lil Mro Joseph Sammut li kien l-ewwel surmast tas-sodda nazzjonali.
Rikonoxximenti:
Jurgen irrakomandi li naghtu wiehed lil Jose Herrera habba l-ghajnuna li ta lil Belt u lil Kunsill. Vince irrakomanda lil Stefan Buontempo. Irrakumanda lil Charlie Dalli ta' l-X-end pero dan ma jistax jattendi.
Mark irrakumanda lil Godwin Lucas in memorium.
Alfred irrakumenda lil Duminku il-Bambinu li jahdem wahda fil-komunita Dumnikana.
Vince irrakumanda lil Croce Bonaci
Chris irrakumanda lil Sandro Lapira.
Xi hadd irrakumanda lil James Bondin (Joe Debono) u lil Toni Caruana li kien kit manager tal-Belt.
Is-sindku issugerixxa lil Suor Michelina.

GA irringrazzjat lil JB, VF, MSL, Christabel u l-istaff kollu.

CM issugerixxa li Jum il-Belt intuha facebook live.

VF telaq kmieni.

## 49.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

49.6.1 Nil

## 49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

49.8.1 NIL

## 49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Fra 2023 2023

Il-laqgha tal-kunsill aggornat ghal ..

IFFIRMATA IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Alfred Zammit | Gabriella Agius |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |